


# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(It-Tmien Parti)*

***Illum se nkomplu t-tagħrif tagħna dwar il-Biedja f'Għawdex, billi qabel xejn ngħidu xi ħaġa dwar kif il-kalendarju ta' dari tal-festi reliġjużi kien iservi wkoll bħala kalendarju tal-biedja, u l-bdiewa tagħna kienu jmexxu fuqu. Wara ngħaddu għat-temp. Naturalment, dwar it-temp hemm wisq x'wieħed igħid u jien se mmiss ħafif ħafif xi aspetti popolari bħalma huma t-Temp u l-Biedja; ix-Xemx u l-Qamar u l-Kwiekeb; is-Sema u s-Sħab; l-Ajru, il-Beraq u r-Ragħad, biex darba aħna nkomplu bix-Xita u r-Riħ u tagħrif ieħor dwar it-Temp.***

**Il-Kalendarju Reliġjuż ta' Dari**

Xi festi ewlenin tal-Knisja kienu wkoll indikazzjonijiet importanti biex il-bidwi jagħmel xi xogħol: "San Mattew, żrigħ it-tewm; San Mikiel, qtigħ ir-rummien; San Xmun, iżra' niexef jew miblul; San Mattija, żrigħ it-tomnija; Bejn San Pawlijiet tinżera' l-patata; Wara San Mark ix-xita nar fl-art; Bejn tal-Qala u l-Milied, erfa' l-moħriet minn ħalq il-wied; Nhar San Girgor il-kaboċċi tiha l-ħmar; Sant'Anna u San Ġokbu, it-tin ibexxaq fommu; Twelid f'Santa Marija jiġi msejjaħ għat-tiġrija; F'Awissu kull tin tmissu; Għal San Anard ibża' għall-art; Iżra' l-ful f'Santa Katrini biex jagħmel bla fini; Nhar Santa Barbara ż-żara' jikber għabara."

Issa ġara li fl-1969 kienet saret riforma fil-Kalendarju Ruman, u għalhekk xi festi importanti ma baqgħux jiġu ċċelebrati fil-ġurnata msemmija minn dawn il-qwiel. Biex wieħed iqabbel iż-żewġ Kalendarji, dak tas-sena 1950 u dak tas-sena 1970, għandu jara l-Appendiċi tad-Dizzjunarju *"A Dictionary of Devotions"* ta' Michael Walsh, (Burns & Oates, 1993).

**It-Temp u l-Biedja**

It-temp, lill-bidwi, bħal kull sajjied u nassab, jinteressah mill-qrib. Għax it-temp li jagħmel jista' jfisser ġid u riżq għall-biedja, bħalma jista' jkun ukoll ta' ħsara u rovina. Għalhekk, il-bidwi jżomm għajnejh il-ħin kollu miftuħa fuq l-elementi li jipprevalu madwaru u jitgħallem jaqra s-smewwiet biex ibassar jew jobsor x'temp ikun se jagħmel. Il-għerf tal-bdiewa dwar it-temp u l-elementi tan-natura jinġabar fi qwiel.

Il-qwiel tal-biedja dwar it-temp igħallmuna dwar kif wieħed jista' jobsor x'se jagħmel l-ajru u kif se jiġi affettwat ix-xogħol tal-bidwi.

**Ix-Xemx, il-Qamar u l-Kwiekeb**

Il-bidwi jaf li l-prodotti tar-raba' jsiru biss jekk jagħmel temp tajjeb. Il-qawl igħid: "***Mix-xemx u x-xita jsiru l-għelejjel.***" Mingħajr ix-xemx u x-xita, ebda prodott ma jista' jilħaq u jkun suċċess. Imma x-xemx mhux dejjem taffettwa xorta. Fir-rebbiegħa, meta l-ġranet jitwalu, ix-xemx tibda tnixxef kollox. Għalhekk il-qawl iwissi: "***Ix-xemx tar-rebbiegħa tibla' daqs belliegħa***". Iżda meta tkun xemx bajda għandna nistennew ix-xita: "***Xemx bajda, tagħmel ix-xita***". Hekk ukoll qawl ieħor igħid: "***Jekk wara nofsinhar ix-xemx tkun bajda safranija, aktarx tkun ix-xita għal filgħaxija***". U qawl ieħor iwissi: "***Nhar ta' Ħamis, meta x-xemx tinżel ġo xkora, stenna l-maltemp***". Għall-kappa tax-xemx ngħidu: "***Ix-xemx għandha għalqa taħdimha***".



Il-qamar ukoll jimmarka l-maltemp għal min jaf jaqra l-ajru: "***Għalqa tal-qamar, stenna xi għarqa***". Mela, qamar bil-għalqa, sinjal li ġej ir-riħ. Hekk ukoll jingħad: "***Qamar rieqed, baħar imqajjem***", il-qagħda tal-qamar turina jekk hux ġej riħ jew le. Iżda, qamar immejjel jista' jfisser ukoll li tkun ġejja x-xita, "***Meta l-qamar ikun immejjel, tkun ġejja x-xita***". Il-qamar jista' jurina wkoll x'riħ ikun se jagħmel, "***Mela l-qamar ikollu l-qiegħa, tista' tgħid li hu riħ isfel***". Qawl ieħor jurina meta l-bidwi għandu jiżra' u jlaqqam, "***Iżra' u laqqam f'qamar xiħ***". B'dan kollu, wieħed qatt m'għandu jqiegħed qroqqa fuq il-bajd mat-***telfa tal-qamar,*** jiġifieri meta l-qamar ma jibqax jidher iżjed, imma meta jġedded il-qamar, biex jibqgħu ġejjin 'il quddiem mal-qamar. Il-qamar hu dejjem meqjus li jġib ir-riżq: "***Meta d-dinja tmiegħkek, fl-aħħar il-qamar iżiegħdek***".

Ngħidu wkoll xi ħaġa dwar il-kwiekeb. "***Kewkba ħamra, riżq ħażin***". Din hija l-pjaneta Marte li tidher sewwa mingħajr bżonn ta' tromba jew teleskopju u għandha lewn ħamrani, assoċjata mal-gwerra u mat-tixrid tad-demm, u allura għelm ta' riżq ħażin: "***Meta jidher il-Kawkaw, riħ nofsinhar***". Il-Kawkaw hija kostellazzjoni ta' żewġ stilel li tidher fin-nofsinhar għall-ħabta ta' Ottubru, meta jkun jipprevali r-riħ isfel: "***Il-qamar, il-kewkba u n-newba, ma fihomx ħlief sewba***". Il-kelma "***sewba***" f'dan il-qawl tfisser ħsad tajjeb u n-newba hija r-rotazzjoni ta' l-uċuħ, jiġifieri meta wieħed ibiddel l-wiċċ tar-raba' kull sena, biex il-prodott ikun aħjar. Qawl ieħor jgħidilna x'ifissru l-kwiekeb kbar: "***Meta jidhru l-kwiekeb kbar, ix-xita tkun fil-qrib.***" Tibdil fl-atmosfera jista' jġegħilna naraw il-kwiekeb akbar, u t-tibdil jista' jkun ikkawżat minn arja bix-xita.

**Is-Sema u s-Sħab**

Is-sema jista' jkun jew safi jew imsaħħab, jiġfieri jew bnazzi jew kollu sħab. Imma s-sħab m'hux kollu l-istess. Is-sħab jista' jkun baxx jew għoli, oħxon jew irqiq. Sħab baxx jissejjaħ ħajbur u aktarx li jgħaddi bir-riħ xlokk b'arja umda u kollha rtuba.

Is-sħab jista' jkun ukoll jew magħqud jew imqatta'. Sħab oħxon imqatta' jissejjaħ ukoll ***sħab infurrat*** li mill-art ikun jidher bis-safef fuq xulxin bit-truf bajdana bħas-silġ jiddu fix-xemx. Is-sħab il-magħqud jidher qisu ***raff oħxon*** bl-irjus sura ta' inkwina. Dan ikun sħab tax-xita (xjentifikament nafuh bħala "*cumulo-nimbus*"). Sħab ieħor igħatti s-sema qisu liżar. Dan aktarx ma jkunx oħxon wisq imma minnu tista' tagħmel ix-xita. Meta s-sema jintebaq minn kullimkien bis-sħab, ngħidu: "***l-ajru għalaq għajnu***". Formazzjoni oħra ta' sħab hi dik ta' meta jkun qisu dahar ta' fekruna, imsejjaħ ***qoxret il-fekruna.*** Aktarx dan ikun bidu ta' sħab aktar oħxon li minnu meta jersaq fuqna tagħmel ħafna xita.

L-aktar sħab għoli jissejjaħ ***rix imqatta'*** jew ***palma,*** minħabba s-sura tiegħu. Dan aktarx jimmarka r-riħ qawwi u bdil fid-direzzjoni tar-riħ.

Meta s-sħab għoli u oħxon igħaddi kontra r-riħ li jkun qiegħed jonfoħ fil-baxx, ngħidu li għaddej il-***vunglu.*** Meta ngħidu ***vunglu*** nifhmu riħ marbut, minħabba li dan aktarx li dejjem igħaddi mill-inħawi tal-lbiċ lejn il-grigal. Meta jitilgħu żewġ ajrijiet kontra xulxin tista' tagħmel ħafna xita.

Is-sħab jista' jkun ukoll abjad jew iswed. Meta x-xemx tiddi fuq is-sħab, speċjalment filgħodu, meta jkun tiela' xi ajru mill-punent, is-sħab jieħu lewn iswed li jbeżża'. Imma swedija bħal din aktar tkun riflessjoni tax-xemx. Mill-banda l-oħra, meta s-sħab jasal fuqna u ma jkollux ir-raġġi

tax-xemx fuqu, jidher griż-bajdani. Għalhekk il-qawl igħid: "***L-iswed ibażża' u l-abjad ixabba'*** ". Fi tlugħ u nżul ix-xemx, is-sħab jista' jieħu lewn ħamrani. Din il-ħmura għandha tifsir importanti biex inkunu nafu jekk hix se tagħmel xita. Infatti qawl popolari jgħidilna: "***Il-ħmura ta' filgħaxija, ġib żwiemlek għat-tiġrija; il-ħmura ta' filgħodu ħalli l-bhejjem fejn joqogħdu.***"

Xi drabi s-sħab jifforma bħal xkora n-naħa tal-punent. Għalhekk, il-qawl iwissi*:* "***Meta x-xemx tinżel ġo xkora, stenna l-maltemp.***"

Fost espressjonijiet l-oħra nsibu ***l-egħmiem***, plural ta' għomma, sħab tax-xita; ***sema bix-xlieqa***, *l*i tfisser sħab bi truf jew snug ta' sħab abjad fuq ix-xefaq; ***ċint***, *s*ħabiet wara xulxin misjuqin mir-riħ; ***għerq***, sħaba pjuttost ħoxna, imma dejqa u twila, aktarx mill-majjistral għax-xlokk; ***ċluna***, sħaba ħoxna u sewda li tagħmel ħafna xita u tqajjem riħ qawwi f'daqqa; ***żaqq***, sħaba kbira li tgħaddi bix-xita, aktarx bir-***riħ provenz*** jew majjistral, waħda wara l-oħra ***żaqq tielgħa u oħra nieżla***.

**L-Ajru, il-Beraq u r-Ragħad**

Ħafna drabi l-bidwi jobsor x'temp ikun se jagħmel mill-għamla tas-sħab li jidher fil-għoli tas-sema: "***Sema naqxet il-fekruna jew xita bil-qliel jew riħ fortuna***". Dan il-qawl ifisser li meta s-sħab ikollu sura ta' dahar ta' fekruna, wieħed għandu għax jisenna li tagħmel ix-xita, inkella xi maltempata tar-riħ. ***Riħ fortuna*** tfisser fortunal jew riħ tempestuż. Hekk ukoll qawl ieħor iwissi: "***Meta tara l-beraq lesti l-girna fejn tintebaq***". Jiġifieri meta jberraq qis li ddabbar rasek ġewwa u tidħol taħt is-saqaf ħalli ma tixxarrabx.

L-ajrijiet tax-xita normalment jitilgħu mil-lbiċ, jew punent il-lbiċ, inkella mill-punent. Dan jiġri wkoll jekk ir-riħ fil-baxx ikun mix-xlokk, mil-lvant jew mill-grigal, għax ir-riħ fil-għoli jgħaddi dejjem minn fuq għal isfel. Għalhekk, il-qawl igħidilna: "***Il-punent italla' u jniżżel kull mument***, inkella, ***Il-punent iwiegħed u jagħti***".

Qawl ieħor jgħidilna*:* "***Sħab mil-lbiċ, xita żgur iġib***". *Hekk ukoll:* "***Raff bir-rjus, ragħad u xita jkollna***". Il-beraq u ragħad huma indikazzjoni ta' temp ***milwiem***, jiġifieri temp ta' l-ilma. Infatti, qawl popolari jgħidilna: "***Meta jberraq, imerraq***, inkella, ***Wara l-beraq jiġi l-meraq***". Ma jistax ikollok temp bil-beraq u s-sajjetti jekk is-sħab ma jkunx oħxon. U x-xita l-qawwija tiġi minn sħab oħxon. Għalhekk jingħad, "***Il-beraq dukkar tax-xita***". Inkella: "***Berqa waħda f'Jannar, stenna maltemp kbir warajha***".

Hawnhekk ta' min jgħid, iżda, li minħabba ċ-ċokon ta' gżiritna, xi drabi jiġri li t-temp jgħaddi b'ħafna beraq u storbju, u xita tagħmel ftit li xejn. Hu veru li "***Wara r-ragħad tiġi x-xita***", imma qawl ieħor igħidilna li l-"***beraq m'hux ħobż***", jiġifieri bħar-riħ bla xita, bil-beraq biss ma nagħmlu xejn. Dan jingħad għax xi drabi t-temp igħaddi qrib ħafna, imma x-xita ma taħkimniex. U l-wiċċ tar-raba' xita jrid u mhux beraq u ragħad, xita li ttir mal-fewġa tar-riħ; "***Xarba tar-riħ il-wiċċ jiġi f'sensih***". ***(Jissokta)***

